**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' April, 2018

Rikors Nru : 110/18 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li permezz tiegħu ppremettiet :

1. ILLI l-partijiet iżżewġu nhar il-wieħed u għoxrin ta' Mejju tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (21.05.1999) (Ara ċ-Ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. RB 1'**);

2. ILLI minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda tfal u, għaldaqstant, ma huwa dovut l-ebda manteniment f'dan ir-rigward.

3. ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-Divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma pjenament sodisfatti *stante*:

   i. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa min-nhar l-għoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (20.01.2005) in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor William Azzopardi (Ara l-Kuntratt ta' Separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. RB 2'**) u ilhom jgħixu separatament, u għalhekk *de facto* separati, minn dak iż-żmien.

   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra.

   iii. Illi *ai termini* tal-klawżola numru sebgħa (7) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni surreferit, il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt li jirievu manteniment mingħand xulxin u, għaldaqstant, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward.

4. ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qed jiġi rrilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta.

Talbet in vista tas-suespost, prevja kull provvediment meqjus opportun f'dan ir-rigward, li l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet nhar il-21 ta' Mejju tas-sena 1999.

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-Divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, sabiex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat Christopher Camilleri, li permezz taghha ikkonferma :

Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet, u r-registrazzjoni tal-eventwali decizjoni ta' din l-Qorti skont il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent qieghed joggezzjona li jhallas l-ispejjez tal-prezenti procedura;

Illi l-esponent jikkonferma li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti/pendenti.

Illi l-esponent jikkonferma wkoll illi l-partijiet ilhom aktar minn erba` snin jghixu separatament minn xulxin, u li ma hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu 2018;

Rat illi ir-rikorrenti ikkonfermat ir-rikors promotur bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Jannar 2005;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.